MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.<br>DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 164/2002/1

**Avviz numru 164/02 DM**

**Jean Pierre Debono**
**Vs**
**Jimmy Magro f'ismu proprio u ghan-nom u in rappresentanza tal-Malta Labour Party**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li s-stqarrija tal-Partit Laburista tas-7 ta' Frar, 2002, (Dok. A), iffirmata minnu hija libelluza u defamatorja fil-konfront tal-attur, thallas lill-attur somma li ma teccediex is-somma ta' hames t'elef lira Maltin (Lm5000), bhala danni morali ghad-defamazzjoni a tenur tal-Art. 28 tal-Ligi Dwar L'Istampa (Kap.248).
Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok l-istqarrija hija tal-Partit Laburista, u konsegwentement l-eccipjent Jimmy Magro in kwantu mharrek personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;
2. Fil-meritu l-istqarrija ma fiha xejn libelluz u tikkonsisti fi kritika politika li tammonta ghal 'fair comment' dwar kwistjoni ta' interess pubbliku ammessibbli f'socjeta' demokratika u permessi kemm bil-ligi taghna kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet u l-libertajiet fondamentali.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

.
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti kompriz il-'video recording' immarkat bhala dokument 'JM1';

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenut fejn allega illi in kwantu fejn gie mharrek personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-istqarrija mahruga minnu kienet mahruga ghan-nom u fl-interess tal-Partit Laburista, jirrizulta mill-istess stqarrija (esibita a fol. 2 tal process immarkata dokument 'A') illi din kienet giet mahruga fuq karta ntestata ghall-Partit Laburista u ffirmata mill-attur Jimmy Magro fil-vesti tieghu ta' Segretarju Generali tal-Partit Laburista.

Ghaldaqstant l-istqarrija ghandha tigi ritenuta li giet rilaxxjata mhux mill-konvenut fil-vesti tieghu personali izda mill-konvenut bhala ufficjal tal-Partit Laburista fil-vesti ta Segretarju Generali in rappresentanza ta' l-istess, u f'dan ir-rigward ghalhekk qieghda tilqa' l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju fejn gie mharrek personalment.

Fil-mertu l-konvenut jeccepixxi illi l-kumment lamentat li ghamel jikkonsisti fi kritika politika li tammonta ghal-'fair comment'.

Ghalhekk ghandu jigi fl-ewwel lok determinat x'inhuma dawk il-kummenti fl-istqarrija tal-konvenuti illi bihom l-attur hassu diffamat u li allega li huma libelluzi.

Fid-deposizzjoni tieghu l-attur irrefera ghar-raba' (4) paragrafu ta' l-istqarrija fejn gie mxandar testwalment kif gej: *"il-marmalja nazzjonalista li kienet prezenti kienet tinkludi fost l-ohrajn lill-Jean Pierre Debono, li ghandu kariga gholja fil-Partit Nazzjonalista u li kien jidher li l-iskop ewlieni tieghu kien li jxekkel id-dritt ta' l-espressjoni hielsa minn naha tas-Sindku u l-Konsulent tal-Kunsill Lokali"*.

Evidentement l-allegazzjoni li persuna tkun ifformat parti minn marmalja u li kien agixxa bi skop li jippreklud lil xi haddiehor mill-ezercizzju tad-dritt fondamentali tieghu tal-liberta' ta' l-espressjoni hija allegazzjoni ta' agir hazin li jikkonsisti fi ksur tal-ligi.

Ghaldaqstant biex tista' treggi l-eccezzjoni ta' 'fair comment' din l-eccezzjoni trid tkun fondata fuq cirkostanzi u fatti li huma sostanzjalment veri u li jaghtu lok ghal suspett ragonevoli ta' xi agir abbusiv tal-persuna msemmija. Fi kliem iehor il-konvenut, jekk ma jasalx ghall-prova ta' l-verita' tal-atti abusivi minnhu allegati, huwa mistenni li almenu jipprova b'mod konklussiv diversi fatti akkaduti u cirkostanzi li, meta mehudin flimkien, iwasslu ghall-suspett ragjonevoli dwar l-integrita ta' l-attur u l-veri motivi tieghu u li fuqghom huwa seta' logikament jibbaza l-opinjoni tieghu.

Minn-naha tieghu l-attur jispjega li huwa biss impjegat mal-Partit Nazzjonalista bhala assistant tad-Direttur ta' l-Informazzjoni tal-Partit u bhala tali kien gie dettaljat biex jattendi ghall-konferenza li kien qed jorganizza l-Kunsill Lokali ta' Haz Zebbug biex, f'kaz li xi kunsillier membru tal-Partit Nazzjonalista ried jaghmel xi ntervista, huwa setgha jorganizzaha.

Ghal din il-konferenza pubblika mizmuma fi triq pubblika attendew hafna nies, komprizi ufficjali taz-zewg partiti politici apparti l-membri tal-Kunsill organizzattiv. Izda, minhabba diversi nteruzzjonijiet u nuqqas ta ordni fl-interventi mill-pubbliku, il-konferenza spiccat biex sfrattat.

Minn naha tieghu l-attur isosstni illi hu b'ebda mument ma tterrompa f'xi parti tal-konferenza u f'dan gie kkorroborat mix-xhieda minnu prodotti.

Minn naha tal-konvenut ghalkemm huwa ddikjara illi ma kienx prezenti ghall-konferenza, pprezenta 'video recording' ta' l-istess konferenza (accettat bhala genwin mill-kontroparti), minn fejn effettivament jirrizulta li waqt din il-konferenza kien hemm diversi nterruzzjonijiet minn diversi persuni u setturi, u inoltre pproduca bhala xhud lil Miriam Dalli li kienet prezenti waqt l-istess konferenza.

Minn naha taghha s-Sinjorina Dalli elenkat dawk ic-cirkostanzi illi gieghlha tissuspetta illi setghet kienet qed tigri xi haga mhux tas-soltu.

Fl-ewwel lok elenkat il-prezenza ta' hafna nies u residenti lokali, l-attendenza ta' l-ufficjali tal-Partit Nazzjonalista u l-fatt illi n-Net Television (tal-Partit Nazzjonalista) kien baghat zewg (2) 'crews' biex jirrapportaw din il-konferenza.

Innotat fost in-nies prezenti lil Michael Bonnici, Membru Parlamentari mall-Partit Nazzjonalista, u meta saru hafna nterruzzjonijiet meta kien qed jitkellem il-Perit Charles Buhagiar hija fil-fatt staqsiet lill-istess Deputat Michael Bonnici jekk l-interuzzjonijiet u kommozzjoni kienux qed jigu orkestrati mill-Partit Nazzjonalista.

L-istess xhud osservat ukoll qalb in-nies li attendew ghall-konferenza lill-attur u ratu wkoll jitkellem ma xi persuni ohra li attendew u li anke ghamlu interventi mhux f'waqthom.

Ghalhekk il-fatti u cirkostanzi li fuqghom il-konvenut qed jibbaza id-difiza ta 'fair comment' huma dawn: l-attendenza ta' l-attur ghall-konferenza pubblika, il-presenza ta diversi ufficjali u rappresentanti ta' l-partit Nazzjonalista, l-interuzzjonijiet kontinwi li sfrattaw il-konferenza u l-fatt li l-attur gie nnotat jitkellem ma diversi persuni fosthom uhud li nterrompew.

Izda dawn il-fatti ppruvat meta jigu mehudin flimkien ma diversi fatti u cirkostanzi ohra ma jistghux jservu bhala bazi ghall-opinjoni ragjonata li l-attur li kien b'xi mod qed jorganizza f'isem il-Partit Nazzjonalista attruppament ta diversi persuni biex jisfratti il-konferenza pubblika organizzata mill-Kunsill Lokali ta Zebbug.

Infatti jirrizulta li l-attur mhux ufficjali li jirrappresenta il-Partiti Nazzjonalista izda huwa biss impjegat u, apparti li huwa residenti Haz-Zebbug (ghalhekk b'interess personali li jattendi) kien mibghowt ghall-konferneza fuq xoghol; jirrizulta li l-konferenza ma kienetx organizzata mill-Partiti Laburista izda mill-Kunsill Lokali (Zebbug) li huwa ffurmat minn membri taz-zewg partiti ewlenin; jirrizulta ukoll li kien attendew gurnalisti u membri ta' l-istess zewg partiti u li l-attur tkellem ma persuni ta z-zewg nahat; u senjatament ma jirrizultax li ghall-laqgha pubblika fit-triq kienu ittiehdu xi misuri biex tinzamm xi dixxiplina ghall min jattendi u xi ordni fl-interventi, *infatti l-interruzzjoni ta' l-laqgha hija l-konkluzzjoni l-izjed aspettata fic-cirkostanzi.*

Ghaldaqstant issib li d-difiza ta 'fair comment' ma gietx sorretta mill-provi u konsegwentement, fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u ghall-istess argumenti esposti mill-Qorti ta' l Appell fis-sentenza taghha ta' l-24 ta Novembru 2003, fil-kawza fl-ismijiet « A Degiovanni n et –v- M Lombardo et », tenut kont tat-test ta ragjonevolezza dipendenti fuq ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, qed tistabilixxi l-amont ta danni fis-somma ta mitejn u hamsin liri (LM250) u tikkundanna lill-konvenut ghan-nom u in rappresentanza ta' l-Malta Labour Party sabiex ihallas lill-attur din is-somma ta LM250.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------